17 ta' Frar, 1950.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Neg. Joseph Darmanin ne. *versus* Carmelo Micallef pr. et ne.** (*)

**Terminu — Restituzzjoni "in integrum" — Proċedura — Appell — Art. 141 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Quddiem Qorti ta' Grad ta' Appell il-proċedura għandha tiġi ndrata per mezz ta' petizzjoni, salvi l-każi ta' appelli li jsiru minn sentenzi mogħtija minn qrati inferjuri; u l-petizzjoni għandha tikkontjeni talba għar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata.*

*Talba biex wieħed jiġi restitwit "in integrum" kontra d-dekorrenza ta' terminu li kien ġie lilu mpost ma hix talba ta' impunjazzjoni ta' sentenza, u għalhekk ma hux il-każ li dik it-talba jkun fiha mitluba r-revoka jew ir-riforma ta' sentenza appellata; talba simili tikkostitwixxi azzjoni speċjali li mhix kontemplata mill-liġi tal-proċedura, u hija solita li ssir per mezz ta' ċitazzjoni anki meta ssir quddiem Qorti ta' l-Appell.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni nru. 1 ta' l-1949, fejn l-attur Negozjant Joseph Darmanin għad-ditta "C. Darmanin & Sons", wara li qal li b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Mejju 1949, fil-kawża fl-ismijiet premessi (ċitazzjoni nru. 91 tas-sena 1947), għall-fini ta' l-appell ta' l-instanti quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju, ġie lilu prefiss it-terminu ta' għoxrin ġurnata biex jikkonferma bil-ġurament illi l-kreditu tiegħu

(*) Ara sentenza fil-meritu Appell Kummerċjali 24. 3. 50 (publikata).

involut fl-appell huwa ta' almenu £500, it-terminu ta' xahar *mid-data ta' dana l-gurament biex jagħti l-malleverija għall* ammont ta' £300 għall-pagament ta' l-ispejjeż ta' l-appell, it-terminu ta' tliet xhur mid-data ta' dan il-ġurament biex l-instant jipprepara u jittrasmetti l-atti tal-kawża lill-Kumitat Ġudizzjarju; illi l-ġurament ġie prestat fit-23 ta' Mejju 1949 id-depożitu fuq imsemmi sar fil-15 ta' Ġunju 1949, u fit-3 ta' Awissu 1949, *il-kontendenti ippreżentaw nota fejn iddikjaraw* illi Dottor Joseph Soler ġie inkarikat mit-traduzzjoni ta' l-atti tal-kawża, li b'digriet tal-4 ta' Ġunju ġie awtorizzat l-jirtira; u li t-terminu ta' tliet xhur fuq imsemmi għall-preparazzjoni ta' l-atti tal-kawża u t-trasmissjoni tagħhom skada fit-23 ta' Awissu 1949, mingħajr ma l-instant kien ittenda bl-iskadenza; *u li t-traduzzjoni, l-istampa u t-trasmissjoni ta'* l-atti, ma setgħux raġjonevolment isiru fit-terminu wisq qasir li kien baqa' bejn id-data ta' l-irtir ta' l-atti għat-traduzzjoni tagħhom u d-data ta' l-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur; u li t-terminu ta' tliet xhur fuq imsemmi ma hux impost mill-liġi, u ma hux terminu perentorju, imma impost minn dina l-*Onorabbli Qorti fil-prudenzjali arbitriju tagħha; u li abitwal*ment dan it-terminu ġie ripetutament prorogat skond l-eżiġenzi tal-mument, bi'li l-proċedura tat-traduzzjoni, stampa u trasmissjoni ta' l-atti hija pjuttost twila; talab li l-konvenut Carmelo Micallef proprio et nomine jgħid għaliex l-instant ma għandux jiġi restitwit "in integrum", billi jiġi lilu akkordat terminu ġdid biex ikompli l-proċeduri tal-preparazzjoni u trasmissjoni ta' l-atti lill-Kumitat Ġudizzjarju; u dan bi'li l-preġudizzju ta' l-instant huwa wisq rilevanti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tal-proċedura, *opposta qabel xejn mill-konvenut proprio et nomine;*

Illi dik l-eċċezzjoni qiegħda tiġi bażata fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 141 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili, li fl-ewwel inċiż jistabbilixxi li quddiem Qorti ta' Grad ta' Appell il-proċediment għandu jiġi nolrat per mezz ta' petizzjoni, salvi l-eċċezzjonijiet imsemmijin fl-art. 172, li jirriferixxu għall-appelli mis-sentenzi tal-Qrati Inferjuri. *Fit-tieni inċiż ta'* l-imsemmi art. 141 jinsab stabbilit dak li l-petizzjoni għandha

tikkontjeni, jigifieri t-talba għar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata;

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni preżenti mhix dik ta' impunjazzjoni ta' sentenza; mhix, jigifieri, appell minn sentenza, u għalhekk it-talba ma tistax tkun ta' revoka u riforma skond l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 141 (2) tal-Kodiċi ta'-Proċedura Ċivili. L-azzjoni esperita mill-attur nomine bid-domanda tal-lum hija azzjoni speċjali, mhix kontemplata minn dak il-Kodiċi, u hija solita tiġi introdotta anki quddiem din il-Qorti per mezz ta' ċitazzjoni;

F'każ identiku għal dak in eżami (in re "Maria Dimech vs. P.L. Beniamino Formosa, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April 1934), il-konvenut kien issolleva l-istess eċċezzjoni kontra l-proċediment inoltrat mill-attriċi per mezz ta' ċitazzjoni; iżda l-Qorti għaddiet għat-trattazzjoni tal-meritu mingħajr ma ħadet in konsiderazzjoni dik l-eċċezzjoni. U f'każ ieħor iżjed reċenti (in re "Baldacchino vs. Clarke et.", deċiż fit-28 ta' Ġunju 1936, Kollez. Vol. XXIX, Parte I. pag. 276), din il-Qorti qalet espressament li "in cases where the period lapsed without a prorogation being applied for (u kien preċiżament terminu prefiss mill-Qorti ta' lAppell għad-depożitu biex issir il-garanzija għall-appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Privy Council), these Courts have been inclined to grant a renewal of the period on a writ-of-summons asking for what is known as 'restitutio in integrum', provided always the demand is made for a just cause";

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba ma jidherx li l-azzjoni tar-restituzzjoni "in integrum" għandha tiġi esperita quddiem din il-Qorti per mezz ta' petizzjoni; u huwa ammissibili l-proċediment per mezz ta' ċitazzjoni, kif esperit mill-attur nomine;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tal-proċediment opposta mill-konvenut proprio et nomine, u mħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż ma jiġux taxxati; bl-ispejjeż tar-reġistru kontra l-istess konvenut proprio et nomine.